**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sergio Pisani )**

**Vs**

**Anthony Borg**

**Kaz Nru: 616/2015**

**Illum 19 ta' Novembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Borg, iben George u Maria Assunta nee' Bonnici, imwieled il-Pieta' nhar il-13 ta' Settembru 1977, residenti gewwa Belfiore Court, Flat 2, Triq San Massimiliano Kolbe, San Pawl il-Bahar detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 469377M:

Talli gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija, sezzjoni tat-Traffiku bil-hsieb li jgieghel persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew ibiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli tgahmel xi haga, ihedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra, jehel, dan ai termini ta' artikolu 250 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar l-1 ta' Awwissu 2015 ghal habta tat-8:00am gewwa Triq Sant'Anna Floriana u kif ukoll gewwa l-kwartieri tas-sezzjoni tat-traffiku b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda fl-istess lok u cirkostanzi:

U aktar talli ittanta li jattakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni

inkarigati skont il-ligi jew minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuni tal-Ispettur P. Saliba, SM888 D. Camilleri, PC 957 C. Spiteri u PC1537 P. Falzon ai termini tal-artikoli 41, 91 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija, sezzjoni tat-traffiku, ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezza fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna tal-istess ufficjali tal-Pulizija msemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai termini tal-artikli 91 u 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar l-1 ta' Awwissu fil-hinijiet wara 6.30am saq vettura tal-ghamla Mercedes b'numru tar-registrazzjoni V503XEE fl-inhawi ta' San Pawl il-Bahar, Naxxar, Birkirkara, Msida, Pieta' u Floriana f'postijiet pubblici minghajr ma kien fi stat li jsuq minhabba li kien taht l-influenza tax-xorb alkoholiku jew drogi jew wara li kkunsma alcohol dan ai termini tal-artikolu 15(A) u 15(B) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar l-1 ta' Awwissu 2015 fil-hinijiet ta' wara 8.00am. gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Belt Valletta irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs ghall-test tan-nifs meta mehtieg li jaghmel hekk skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(C) wara li gie avzat u ghalhekk ikkunsidrat li ikkommetta reat u dan ai termini tal-artikolu 15(D) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija, sezzjoni tat-traffiku bil-qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza ikunu jistghu il-quddiem jiswew ta prova kontra l-imsemmija membri tal-korp tal-pulizija kif ukoll kontra l-Ispettur Anzjan Mario Tonna bil-hsieb li b'hekk dawn l-ufficjali pubblici ikunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat, billi ddenunzja quddiem l-Ispettur S. Pisani reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai termini tal-artikolu 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija, sezzjoni tat-traffiku bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti u dan ai termini tal-artikolu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli gewwa l-Kwartieri, sezzjoni tat-traffiku bil-hsieb li jtellef il-gieh jew tnaqqas il-gieh tal-ufficjali tal-Pulizija msemmija fl-akkuzi hawn fuq billi b'kitba b'disinji jew b'xi mod iehor immalafamhom u dan ai terminu tal-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija, sezzjoni tat-traffiku ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mil-pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai termini tal-artikolu 342 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni (Kap 446, Art 22) moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Imhallef Dr D. Scicluna LL.D nhar it-22 ta' April 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

U aktar talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr A.J. Vella LL.D nhar it-18 ta' Gunju 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

U aktar talli sar recediv wara li gie kkundannat ghal reat b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, fosthom ippreseduti mill-

Magistrat Dr A.J. Vella LL.D nhar id-9 ta' Marzu 2015, kif ukoll nhar l-4 ta' Mejju 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija ufficjali pubblici tal-korp tal-pulizija u tal-persuni ohra msemmija kif jidrilha xieraq skont l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mata;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 109 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'interdizzjoni generali, kif ukoll bl-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem l-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 15H tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni xi licenza tas-sewqan.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-vettura tal-marka Mercedes bin-numru V503XEE bhala parti formanti mill-corpus delicti ai termini tal-artikolu 23 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-prosekuzzjoni u semghet it-trattazzjoni tad-difiza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Kunsiderazzjonijiet

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi reati li jirreferu ghall-istess jum izda f'hinijiet differenti.

Jirrizulta li l-imputat Anthony Borg fil-lejl ta' l-1 ta' Awwissu ghadda lejl jixrob f'bar fil-Belt, Valletta u dan kif ammess minnu stess. Kmieni filghodu huwa ddecieda li ried imur jiehu toast u telaq bil-karozza tal-marka Mercedes V503XEE. Hekk kif wasal fi Triq Sant'Anna, il-Furjana hdejn l-Iljun waqfitlu l-karozza minghajr petrol u ghalhekk halliha fuq bus lane. PC957 jixhed li huwa flimkien ma' siehbu kienu ghaddejjin minn Triq Sant'Anna u nnutaw il-vettura bi pjanci ta' barra fuq bus lane u ghalhekk iddecidew li jnehhu l-ingombru tal-vettura min-nofs. Ghalhekk talbu l-assistenza tat-tow truck. SM888 Dunstan Camilleri kien in charge tas-shift kollu u billi sema' fuq ir-radju tal-pulizija li kien hemm bzonn tali assistenza mar ukoll fuq il-post u sab liz-zewg kuntistabbli. Sa dak il-hin ma kienux jafu l-karozza ta' min kienet. Wasal it-tow-truck u ftit minuti wara wasal ukoll l-imputat fuq il-post b'vettura ohra b'landa tal-petrol f'idejh. Huwa mill-ewwel beda jghidilhom biex ma jmissux il-karozza u s-sitwazzjoni ddegenerat b'tali mod, li se jigi spjegat aktar 'l isfel, li l-imputat spicca arrestat u eventwalment imressaq il-Qorti b'arrest jiffaccja l-akkuzi odjerni.

Din il-Qorti se titratta mad-diversi imputazzjonijiet billi taggruppahom:

**<u>Ir-Raba' u l-Hames Imputazzjonijiet</u>**

L-imputat jinsab akkuzat li saq f'postijiet pubblici meta ma kienx fi stat minhabba li kien taht l-influenza tax-xorb. Huwa evidenti ghalhekk li l-imputat qieghed jigi akkuzat taht l-artikolu 15(A) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Zammit**[1]

"L-appellant ikkwota b'approvazzjoni l-każ 'Il-Pulizija versus Brenda Agius' tal-15 ta' Mejju 2008 b'mod partikolari:

'Bizzejjed li jirriżulta mill-osservazzjoni ta' xhieda prezenti li s-sewwieq ikun qed juri sinjali ta' xorb ta' alkohol, bhalma huma sewqan inspjegabilment erratiku jew spavald izzejjed.'

[1] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fit-12 ta' Frar, 2013

Hawn il-Qorti ser tirreferi ghal kaz iehor deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999 deciz mill-Onor.Vincent Degaetano fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Francis Pace' fejn intqal hekk:

'Huwa biss ghall-finijiet taht dana l-artikolu (15B) li l-ligi tirrikjedi r-rizultat tal-analizi ta' kampjun tan-nifs, demm jew urina mehuda u analizzati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 15E. Huwa veru li r-rizultat ta' tali analizi jista' jservi bhala prova wkoll ghall-finijiet tal-ksur tal-artikolu 15A – kif tindika d-dicitura kemm fil-bidu tas-subartikolu (1) tal-artikolu 15E, kif ukoll id-dicitura tas-subartikoli 5 u 6 – izda tali analizi mhix mehtiega. Fi kliem iehor, biex jigi deciz mill-Qorti jekk persuna kinitx qed issuq 'meta l-kapacita' taghha li ssuq sew (kienet) ghal xi hin imnaqqsa minhabba xorb jew drogi bi ksur tal-artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra bhalma huma l-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq...'

Illi l-imputat odjern jammetti li kien xurban anki meta xehed quddiem din il-Qorti. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-imputat u mill-istqarrija li ftit hin qabel kien huwa li kien qieghed isuq il-vettura inkwistjoni. Oltre' dan PC1537 Paul Falzon jixhed li l-imputat kellu riha ta' xorb filwaqt li SM 888 Dunstan Camilleri xehed li induna li l-imputat kien taht l-influwenza tax-xorb ghaliex kellu riha qawwija hierga minn go halqu. Dan apparti l-atteggjament li kellu l-istess imputat fil-konfront tal-pulizija ghaliex incident li seta' jissolva minghajr konsegwenzi kbar wassal sabiex jiffaccja imputazzjonijiet ferm aktar serji milli kieku kien jiffaccja kieku agixxa b'mod korrett.

Illi jirrizulta wkoll minn diversi xhieda li intalab mill-imputat li jaghti l-kampjun tan-nifs tieghu izda huwa rrifjuta u dan anki wara li gew spjegati lilu l-konsegwenzi ta' dan ir-rifjut.

Ghalhekk dawn iz-zewgt imputazzjonijiet gew ippruvati.

**<u>It-Tieni u t-Tielet Imputazzjonijiet</u>**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qieghed jigi akkuzat b'attentat ta' l-artikolu 96 u taht l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u dan kemm waqt li kienu ghadhom fi Triq Sant'Anna, il-Furjana kif ukoll gewwa l-kwartieri tas-sezzjoni tat-Traffiku.

Illi irid jigi rrilevat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha[2].

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-motiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

[2] Ara sentenza **Pulizija vs Carmelo Bugeja** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-29 ta' Jannar, 2014

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*"

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato.*" (sottolinjar tal-Qorti).

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u l-Carrara jsostnu:

"*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita' deve essere nota a chi resiste.*"

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi li jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*" Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Illi dak li rrizulta mix-xhieda mismugha huwa li meta Anthony Borg ra lill-pulizija li kienu bl-uniformi li kienu se jghabbu l-vettura li thalliet mitluqa fuq bus lane miftuha -li huwa beda jsostni li hija tieghu - fuq il-low loader huwa mil-ewwel agixxa b'mod aggressiv fil-konfront taghhom.

PC957 Colin Spiteri xehed li meta tfacca l-imputat mil-ewwel kien aggressiv u beda jghidilhom li mhux se jiehdu l-karozza. Il-Maggur Camilleri beda jipprova jikkalma lill-imputat izda l-imputat beda jhedded li se jsuq ghal fuqhom la jixtri karozza ohra. L-istess xhud ighid li minhabba t-theddid u l-atteggjament tal-imputat iddecidew li jarrestawh u li anki bil-manetti baqa' abbuziv.

Il-Maggur Dunstan Camilleri xehed li huwa pprova jikkalma lill-imputat u jispjegalu x'kien se jsir u x'kellu jaghmel l-imputat biex jikkonforma ruhu mal-ligi. L-imputat qabad ighajjat u jidghi u jghidilhom li l-karozza ma jehduhix. Biex ikomplu jtellghu l-karozza gibed lill-imputat lejh. Bdew mexjin ftit 'l isfel. F'daqqa wahda l-imputat rega' dar, b'tali mod li ried jitlaq ghaliex huwa beda jzommu b'idejh biex ma jfixkilx lill-ohrajn. Ix-xhud testwalment xehed: *"Beda jinsisti: 'Le, l-karozza ma tehduhiex', b'ton ighajjat, jidghi, isemmi l-Madonna, u kull aggettiv disprezzat lejn l-uniformi, lejn il-pulizija, f'daqqa wahda dan. U telaq minn idejja. Telaq biex imur ghal shabi. Litteralment telaq minn idejja. Jiena ergajt qbadt u zammejtu, sadanittant, gew shab il-kollegi tieghi, qed inkellmuh u ha nghiduli x'ha naghmlu. Dana qabad ighajjat, jaqbez, fernezija tah dak il-hin. Hemmhekk gie mmanettjat. Lanqas bilkemm ried joqghod f'idejhom dan. Meta gie biex jigi mmanettjat harab, nizel, waqa' mal-art. Jien zammejt b'idejja taht wiccu biex ma jweggax. Gie mmanettjat, u hadnih lejn il-karozza, biex jikkalma. Staqsejnih jekk kienx hemm xi affarijiet fil-vettura tieghu, biex ahna nnehhuhom fil-presenza tieghu, u qalli li m'hemm xejn. Gbidtlu l-attenzjoni li ghandu dak l-apparat imwahhal mal-genb tal-karozza."* L-imputat baqa' ighajjar u ma riedx jidhol fil-karozza. Beda jghidlu li kien ilu ghoxrin sena jaghmillu l-vendikazzjonijiet.

PC1537 Paul Falzon ikkonferma u ikkorobora l-versjoni taz-zewg xhieda appena msemmija. L-imputat apparti li beda jhedded li se jtajjarhom beda jghidilhom li l-karozza ma tmissuhiex ghaliex iqattaghhom u mar biex ihebb ghalihom u kien il-Maggur li zammu.

Waslu imbaghad il-pulizija tal-RIU biex jiehdu lill-imputat l-Ghassa tal-Belt sabiex isirlu t-test tal-kampjun tan-nifs. Huwa gie avzat minn PS691 Juan Mula Debono li kellu camera mixghula fuqu u li kien qieghed jigi rekordjat. Tali recording gie prezentat fl-atti. Minnu jirrizulta li l-imputat ma waqafx jidghi u jghid diskors li ma jaghtihx gieh. Fl-ghassa rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs u ghalhekk gie deciz li jittiehed il-poliklinik. L-imputat mhux qieghed jigi akkuzat dwar

dak li qal u ghamel fil-polikolinik u ghalhekk din il-parti tar-recording giet skartata minn din il-Qorti.

Mill-poliklinik gie riferut ghall-isptar billi l-imputat beda jsostni li kellu ugigh f'sidru. Sarlu l-ECG u rrizulta li ma kellu xejn. Ghamlulu t-testijiet tad-demm izda ma riedx jistenna r-rizultati u ffirma biex jitlaq. B'hekk ittiehed fis-sezzjoni tat-traffiku sabiex eventwalment tittiehidlu l-istqarrija.

L-Ispettur Anzjan Mario Tonna xehed li waqt li kien fl-ufficcju tieghu sema' l-ghajjat u l-kommosjoni u sema' lill-imputat ighid li kien huwa li tah permess biex isuq il-vettura bil-pjanci barranin. Kien hemm insulti rivolti lejn membri tal-korp, li qabdu mieghu u li ried jiggieldilhom. Hareg mil-ufficcju tieghu, mar fejn l-imputat u dan qallu li kien jafu ghaliex kien arrestah fuq hold-up. L-imputat baqa' aggressiv, jidghi u anki mmanetjat qam u ried jaghti bir-ras lill-Ispettur Saliba u nfexx ighajjru personali u li kien se jmur ghand il-politici ghaliex mhux suppost kien fil-pulizija u li kellu jitkecca u jistedinhom ghall-glied u beda jghid: *"Ghax jien mhux bhalkom qeghdin hawn ghal tnax-il mija, jiena nghodd il-liri tad-droga"*. Invista tal-atteggjament ta' Borg iddecidew li jehduh il-lock-up. Borg hedded: *"il-karozza huduha, issa flok V8, nixtri V12 niehu linja droga u iktar nghaddi minn fuqkom u nifqaghkom"*.

L-Ispettur PierGuido Saliba xehed li l-imputat beda jallega li gie msawwat. Min-naha tieghu l-Ispettur qallu li kwalunkwe allegazzjoni huma jiehdu konjizzjoni taghha. Dak il-hin l-imputat beda jidghi u beda jallega li l-Ispettur korrott, li l-Ispettur Tonna jaghtih permess isuq il-vetturi, il-Maggur Camilleri korrott ukoll. Beda jaghmillu referenza ghan-nies li jmutu bis-sejf, ghal nies li jridu jharsu wara daharhom, ghal nies li ghandhom ghalfejn jibzghu. Qallu li min ikollu d-dejn mieghu ried ihallsu ghal ghomru.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat mistoqsi dwar it-theddid lill-ufficjali fuq il-post wiegeb li dak il-hin kien "tikka mahruq" madankollu jichad li hedded li jtajjarhom bil-karozza. Meta xehed imbaghad viva voce l-imputat jixhed li huwa ma jichadx li rrezista biex ma jiehdux il-karozza. Izda jghid li minhabba li huwa bniedem b'dizabilita' ma tantx jista' jaghmel rezistenza. Xehed li gie mkaxkar, misluh, kif tefghuh mal-art u pulizija minnhom tefa' rkupptejh fuq dahru. Mistoqsi mil-avukat tieghu jekk kienx hedded lill-pulizija huwa

rrisponda li mhux huwa kien qieghed jitkellem izda x-xorb u ghalkemm ma jiftakarx x'qal skuza ruhu ghall-komportament tiehu.

L-imputat beda jallega li l-pulizija kienu sawtuh u dan kompla jsostnih. Irrizulta li l-pulizija kellhom juzaw forza minima fil-konfront tieghu. Madankollu mic-certifikat mediku ezebit mil-prosekuzzjoni[3] jirrizulta li l-imputat sofra *abrasion left shoulder, abrasion left knee, pain in chest.* Ghall-ugigh fis-sider l-imputat ittiehed l-isptar u sarlu ECG u ma rrizulta li kellu xejn. Il-feriti l-ohra huma kompatibbli fil-fatt ma' dak li xehdu l-pulizija li kellha tintuza' forza minima biex huwa jigi arrestat minhabba l-agir aggressiv tieghu. Ghalhekk il-versjoni tieghu li gie msawwat u gie mkaxkar mal-art mhix wahda verosimili.

Waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li l-imputat ma kellux il-mens rea billi huwa kien fi stat ta' sakra b'tali mod u manjiera li l-mens rea giet eliminata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat[4]:**

*"Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li biex stat ta' sokor jeskludi l-imputabilita`, is-sokor irid ikun ta' grad tali li jnehhi l-koxjenza jew il-volontarjeta` ta' l-att kostitwenti r-reat, u cioe` li fil-hin tar-reat l-akkuzat ma kienx jaf x'qed jaghmel jew ma kienx jaf li dak li kien qed jaghmel kien xi haga hazina. Skond din il-gurisprudenza wkoll il-fatt li akkuzat jiftakar dak li jkun gara, ez. Fi stqarrija dettaljata lill-Pulizija, jikkostitwixxi prova li huwa kien koxjenti ta' dak li kien qieghed jaghmel"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alexander Scerri[5]**

*"Issa, fil-ligi taghna, ir-regola hi li s-sokor (li jinkludi intossikazzjoni permezz ta' narkotici jew drogi) ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali (ara s-subartikoli (1) u (5) tal-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali). Dan ifisser li, dejjem bhala regola, is-sokor la hi cirkostanza skuzanti u anqas cirkostanza skriminanti. Anzi c-cirkostanza tas-sokor tista', u f'certi kazi ghandha, titqies bhala cirkostanza aggravanti, bhal fil-kaz ta' min imiss l-alkohol meta jaf li meta jaghmel hekk jibda jitbellah u jikser il-ligi. Fil-kaz de quo jidher li r-reati principali, u cioe` dawk ipotizzati bl-ewwel erba' imputazzjonijiet, sehhew waqt li l-kuntistabbli Spiteri u l-*

[3] Dok SP2 a fol 21 tal-process
[4] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fit-8 ta' Gunju, 2006
[5] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fit-30 ta' April, 2001

*kuntistabbli Buttigieg marru biex jarrestaw lill-appellant u jehduh l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt peress li hu kien qieghed fi Triq Sant' Anna, il-Furjana, jghajjar lis-sewwieqa tal-karozzi li kienu ghaddejjin minn hemm fis-sieghat bikrin tal-11 ta' Lulju, 1997."*

Tenut kont tal-gurisprudenza surriferita l-Qorti tqis li hija biss ir-raba' imputazzjoni li giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax tilqa' l-eccezzjoni sollevata mid-difiza li l-imputat tant kien fis-sakra li l-mens rea kien mankanti. Filwaqt li huwa minnu li l-imputat kien xurban madankollu f'dan il-kaz din ma kinitx tali li tnehhilu l-volontarjeta' u l-kuxjenza tal-azzjonijiet tieghu. Infatti jirrizulta li l-imputat kien ben konxju ta' x'kien qieghed jigri. Tant huwa hekk li ma riedhomx jiehdu l-karozza li sostna li kienet tieghu. Gharaf lill-Maggur Camilleri u beda jallega li ssawwat u li kien se jmur ghand il-media u ghand il-politici biex proprju jipprova jfixkilhom mill-ezekuzzjoni tad-doveri taghhom. Irrizulta b'mod ampju li t-theddid u l-ingurji fil-konfront tal-ufficjali msemmija sehhew kemm filghodu fi Triq Sant'Anna kif ukoll eventwalment fil-kwartieri tal-pulizija fejn kien ghadda ammont ta' hin w allura kwalunkwe influwenza ta' xorb bdiet tonqos jekk mhux sahansitra ghadda l-effett tieghu. Se ssir referenza ghal bran mis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jerken Decelis**[6] li huwa applikabbli ghall-kaz odjern ossia:

*"L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija sabiex imur l-Ghassa ta' San Glijan. L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu kontestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.*

*L-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija mill-ewwel deher li kien menefregista, ta' sfida, nonce aggressiv."*

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni jirrizulta li l-imputat irrezista li jigi arrestat u dan kif anki ammess minnu. L-imputat qieghed jigi akkuzat

[66] Deciza fit-22 ta' Novembru, 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

b'attentat ta' l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Kif gie deciz mill-gurisprudenza u kif anki jirrizulta mill-qari tal-istess artikolu dan ir-reat jista' jissussisti biss jekk ikun hemm l-attakk jew resistenza. Ir-rezistenza imbaghad trid tkun akkumpanjata bi vjolenza jew b'hebb. F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-imputat attakka xi ufficjal tal-pulizija. Il-kuntistabbli u l-Maggur Camilleri xehdu li huwa kien se jipprova jhebb ghall-kuntistabbli prezenti u li kieku ma kienx ghall-azzjoni immedjata tal-Maggur Camilleri li kien pront zammu kien ukoll jirnexxi fl-intent tieghu. Huma sostnew dan billi l-imputat harab minn taht idejn il-Maggur Camilleri u telaq jigri lejn id-direzzjoni taghhom. Huwa minnu li l-imputat verbalment kien abbuziv u l-agir tieghu kien wiehed li ma jistax hlief jigi kkundannat madankollu ma jirrizultax li huwa kien sejjer fid-direzzjoni taghhom biex jattakkahom. Inoltre' filwaqt li s-Supretendent Tonna xehed li l-imputat ipprova jaghti bir-ras lill-Ispettur Saliba, l-istess Spettur xehed li l-imputat ma pprovax ihebb ghalih. Kwindi l-kwistjoni legali hija jekk l-imputat qabez il-limiti tar-rezistenza ghall-arrest li jwassal biex jinstab hati.

Referenza ssir ghas-sentenza succitata **Il-Pulizija vs Decelis:**

*"Skont l-Gharef Imhallef William Harding fil-kaz "Il-Pulizija vs John Mallia" deciz nhar il-21 ta' Mejju 1960 : -*

*Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest. Issa f'dan il-kaz, din il-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat kien precizament li rrezista lill-Pulizija ghax kien spint mix-xewqa naturali tal-liberta proprja – u mix-xhieda tal-Pulizija li kienu qeghdin jezegwixxu l-manuvra tal-arrest jirrizulta li l-imputat ma hebbx ghalihom; u ghalhekk din il-Qorti ma thosshiex moralment konvinta li bl-agir tieghu l-imputat spinga jdejh fuq il-Pulizija li kienu qeghdin izommuh biex joffendihom fuq il-persuna taghhom."*

Din il-Qorti ma tqis li f'dan il-kaz dak li ghamel l-imputat kien precizament li rrezista lill-pulizija ghaliex kien spint mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja u xejn aktar.

**L-Imputazzjonijiet gewwa l-kwartieri tal-Pulizija, Sezzjoni tat-Traffiku**

Permezz tal-**ewwel imputazzjoni** l-imputat qieghed jigi akkuzat bir-reat predispost fl-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali ossija r-rikatt. Dan l-artikolu jipprovdi:

*"Kull min, bil-hsieb li jestorci flus jew xi hag'ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, ihedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil, dik il-persuna jew persuna ohra, jehel, meta jinsab hati ... ..."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edgar Publius Bonnici Cachia**[7] intqal:

*"Illi din id-dispozizzjoni giet l-ahhar emendata permezz ta' l-Att III tas-sena 2002. Permezz ta' din l-emenda l-legislatur ried jipprovdi sanzjoni ukoll fil-kazijiet fejn l-intenzjoni tar-rikattatur ma tkunx biss dik tal-qliegh finanzjarju jew ekonomiku jew ta' xi gwadann iehor personali. Fil-laqgha tas-17 ta' Ottubru 2001 tal-Kumitat tal-Kamra tar-Rapprezentanti ghall-Abbozz tal-Ligi*[8] *dwar dawn l-emendi l-Onorevoli Dr Tonio Borg ighid hekk dwar l-iskop ta' l-emenda ghall-artikolu 250 in dizamina:*

*Qabel ir-rikatt kien ikkonsidrat biss bhala att kriminali jekk kien iwassal ghal gwadann ekonomiku, bdil jew distruzzjoni ta' provvediment kuntrattwali jew inkella ta' testment, pero` bl-emenda li qed naghmlu r-rikatt se jkun ipprojbit kriminalment ghal kwalunkwe skop u se jkun meqjus bhala att kriminali, anke jekk, per ezempju, ikun hemm theddida ta' ingurja jew ta' malafama fil-konfront ta' persuna.*

*Illi ghalhekk biex jissussisti r-reat in ezami mhux necessarju li jigi pruvat li l-imputat ried jaghmel xi gwadan patrimonjali ghaliex jista jissussisti r-reat,*

---

[7] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-26 ta' Marzu, 2015

[8] Kwotata fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Ashraf Elbakry mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid- 9 ta' Jannar 2014.

*kien x'kien l-iskop li ried jilhaq l-imputat bl-agir tieghu; dan naturalment jekk jigu pruvati l-elementi l-ohra rikjesti biex jissussisti r-reat."*

Illi minn qari tal-artikolu u mill-bran appena citat jirrizulta ghalhekk li r-rikatt irid ikun indirizzat lejn persuna specifika bl-intenzjoni li r-rikattatur jasal ghal ghan specifiku tieghu. Minn qari tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta l-prosekuzzjoni naqset li tindika l-persuna li fil-konfront taghha allegatament kien qieghed isir ir-rikatt. Din il-Qorti ma tistax tipprova tasal ghal din il-persuna mill-provi migjuba.

Ghaldaqstant din il-Qorti mhux se ssib htija taht dan l-artikolu.

Permezz tas-**sitt u s-seba' imputazzjonijiet** l-imputat qieghed jigi akkuzat bir-reati ipotizzati fl-artikoli 101 u 110 tal-Kodici Kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Loreto Bugeja**[9]

***"L-artikolu 101 tal-Kapitolu 9*** *jitkellem dwar* ***il-kalunja jew il-falza akkuza.***

*Ir-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalunja imsejjha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid:* ***"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."***

*Ghandu jinghad illi mid-dicitura tal-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi abbazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:*

***"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."***

[9] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-23 ta' Settembru, 2010

*Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad:* ***"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."***

*Fl-ahharnett f'sentenza ohra tal-Qorti ta'l-Appelli Kriminali gie deciz:* ***"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001).***

*-----------Omissis-------------------------------*

***L-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9****:*

*Ir-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu tal-ligi huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta' kalunja. Dana peress illi kif inghad iktar 'il fuq filwaqt illi ir-reat that l-artikolu 101 huwa meqjus bhala verbali u dirett, il-kalunja taht dina d-disposizzjoni tal-ligi hija imsejha rejali u indiretta. Il-Professur Mamo ighid hekk fin-noti tieghu:*

***"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent***

***authority."***

*Fl-ahharnett mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina l-forma ta' kalunja trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li jkunu gew fabbrikati.*

*Illi mill-fattispecje ta' dina l-kawza ma jidhirx illi dana huwa kaz ta' xi fabrikazzjoni ta' xi provi jew ta' xi fatti li jintuza bhala evidenza f'xi kawza kriminali kontra persuna partikolari. Dana huwa kaz ta' rapport maghmul lill-pulizija u mhux ta' fabrikazzjoni ta' xi evidenza. Hawnhekk lanqas l-element materjali ma jirrizulta u allura wisq anqas jista' jirrizulta l-element formali ta' dana r-reat. Illi fi kwalunkwe kaz, kif diga gie isottolinjat iktar 'il fuq ma hemm l-ebda prova li tindika illi l-imputat ried jikkaguna xi hsara lit-tlett persuni li jindika lill-pulizija. Kwindi lanqas dina l-akkuza ma tirrizulta ippruvata.*

***L-artikolu 110(2) – Is-simulazzjoni tar-reat***

*Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz tal-Ordinanza IX tal-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan tal-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi jghid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:*

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertainan imaginary fact. ... This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged ... (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. ... Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation.(sottolinjar tal-Qorti)"***

*F'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:*

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indirecta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali ta' dawn ir-reati ma hemmx dubbju illi dana ma huwiex il-kaz ta' simulazjoni reali jew indiretta peress illi minn imkien ma irrizulta illi l-imputat kien qed jipprova johloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kien qed jipprova johloq b'mod qarrieqi xi provi foloz. Dan mhux kaz ta' fabrikazzjoni ta' provi izda huwa kaz fejn l-imputat ghamel diversi allegazzjonijiet fil-konfront ta' whud mill-ufficjali tal-pulizija fosthom li l-Maggur Camilleri jigbor xi commissions u anki allegazzjonijiet ohra fil-konfront tallum Supretendent Tonna. Minn dan huwa evidenti li l-imputat jindika l-persuni suspettati u ghalhekk certament is-sitt imputazzjoni ma hijiex legalment sostenibbli fid-dawl tal-fatti kif sehhew.

Illi inkwantu ghas-**seba' imputazzjoni** kif redatta m'hemm l-ebda indikazzjoni kontra min suppost saret din il-kalunja. Kull ma jinghad huwa 'lil dawn il-persuni'. Fic-citazzjoni jissemmew diversi ufficjali tal-pulizija u mhux mistenni mill-Qorti li tipprova tindovina mill-provi migjuba min minn dawn il-persuni kien l-allegat vittma. Kif fuq spjegat biex dan ir-reat jissussisti trid issir fil-konfront ta' persuna specifika u dan l-isem irid jigi indikat fl-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat.

Illi t-**tmien imputazzjoni** tinsab ampjament ippruvata billi m'hemmx dubbju li l-imputat ghamel diversi akkuzi fil-konfront tal-ufficjali tal-pulizija li huma ingurjuzi. Din l-imputazzjoni hija assorbita fl-imputazzjoni migjuba a tenur tal-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali.

L-istess jinghad ghad-**disa' imputazzjoni** u cioe' li hija ppruvata u assorbita fit-tielet imputazzjoni.

Inkwantu ghall-**ghaxar imputazzjoni** din ukoll giet ippruvata. L-istess ghall-hdax-il imputazzjoni fejn il-maggiorparti tax-xhieda li tressqu kollha jixhdu li semghu lill-imputat jidghi. Id-dagha kkulurit tal-imputat jirrizulta wkoll mill-footage ezebit mill-istess prosekuzzjoni.

**<u>L-Imputazzjonijiet l-ohra</u>**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta kundizzjonata; kif ukoll li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u li huwa recediv a tenur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dawn l-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati. Il-prosekuzzjoni esebiet biss il-fedina penali tal-imputat. Ma gew ezebiti l-ebda sentenzi li gew decizi fil-konfront tal-imputat. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati u kif ukoll tal-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li mhix wahda netta. L-imputat waqt it-trattazzjoni tal-kaz sostna li huwa ghandu problema bil-vizzju tax-xorb u kontinwament isemmi ghaliex huwa persuna b'dizabilita'. Inkwantu ghall-vizzju tax-xorb jehtieg li l-imputat jibda jiehu l-kura sabiex jeghleb dan il-vizzju. L-imputat irid jifhem li huwa ghandu jirrispetta lill-ufficjali tal-pulizija li kienu qeghdin jaghmlu xogholhom. Inkwantu ghall-affermazzjoni li l-imputat isostni li huwa disabled fl-atti ma ngabitx prova ta' dan ghalkemm l-imputat kemm-il darba qal waqt is-smiegh tal-provi li ghandu problema f'sieq minnhom. Dan l-allegat stat ta' sahha tal-imputat ma waqqfux milli jgib ruhu kif gab ruhu. Bizzejjed wiehed jara r-recording ezebit fl-atti. L-imputat waqt ix-xhieda tieghu skuza ruhu. Din il-Qorti tqis li f'dan il-kaz ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva flimkien ma' multa. Inoltre' billi l-imputat jehtieg li jinghata ghajnuna se jinhareg ukoll ordni ta' trattament.

Il-prosekuzzjoni talbet il-konfiska tal-vettura tal-marka Merecedes bin-numru V503XEE bhala parti formanti mill-corpus delicti. Dwar

din il-vettura jezistu provi kufliggenti fl-atti. Fil-fatt gie prezentat rikors minn Kevin Borg (hu l-imputat) li permezz tieghu talab ir-rilaxx tal-vettura billi sostna li hija tieghu. Sussegwentement meta xehed viva voce sostna li l-karozza fiz-zmien tal-incident kienet tieghu izda minn mindu ngabret iddecieda li ma jridhiex u bieghha lill-imputat. Prova ta' dan kollu fl-atti ma ngabitx. Infatti m'hemmx prova fl-atti lil min tappartjeni din il-vettura. F'dan l-istadju se ssir referenza ghal dak li gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Boris Formosa**[10]

*"Issa skond l-artrikolu 23 (1) tal-Kodici Kriminali, il-konfiska tal-corpus delicti, ta' l-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabilita mil-ligi ghad-delitt, ukoll jekk din il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti.*

*Il-Prosekuzzjoni ccitat in sostenn tal-appell taghha s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Francis Aquilina et"** [7.7.1995], fejn gie ritenut inter alia li l-konfiska tapplika awtomatikament anki fejn ikun inghata provvediment ta' liberazzjoni b'kundizzjoni taht il-Kap.152, wara l-emendi li kienu saru ghal dik il-ligi fil-1993 u li l-konfiska tal-vettura bhala istrument li serva fil-kommissjoni tad-delitt hi wahda tassattiva li ma taghti lok ghall-ebda varjazzjoni. Din il-Qorti fil-waqt li taqbel ma dak li hemm enuncjat fis-sentenza citata, tosserva li f' dak il-kaz ma jidhirx li gie investit il-punt fejn il-vettura uzata fil-kommissjoni tar-reat ma tkunx tal-hati imma fuqha jkun ghad hemm jeddijiet ta'xi persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, kif jirrizulta li hu l-kaz prezenti.*

*Ghalkemm fir-rikors tal-appell l-Avukat Generali qaghad attent li ma jghidx li l-vettura kienet proprjeta' tal-appellat fiz-zmien tal-kommissjoni tad-delitt u llimita ruhu biss biexjghid testwalment: "illi fil-mument tas-sentenza l-istess vettura kienet proprjeta' tal-appellat", ma saret ebda prova ta' dan. L-ahhar prova dwar il-proprjeta' li saret fil-process kienet proprju dik li tohrog mix-xhieda ta' Jose' Abela w li tirrisali ghad-19 ta' Lulju, 2001, fejn intqal li l-vettura kienet ghadha tghajjat lil John Cassar. Illi ma saret ebda prova li John Cassar b' xi mod ha sehem fid-delitt ta' serq de quo. Lanqas ma saret il-prova li Cassar bejn id-19 ta' Lulju, 2001, meta kien qed jixhed Abela w d-data tas-sentenza appellata, kien ittrasferixxa il-van lill-appellat, ghalkemm tali prova mhux necessarjament kienet tagevola lil-Avukat Generali.*

[10] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fid-9 ta' Marzu, 2006

*Ghalhekk mill-provi prodotti jidher li fid-data tal-kommissjoni tar-reat ta' serq li l-appellat instab hati tieghu, l-vettura de quo ghalkemm kienet fil-pussess tieghu, kienet legalment ghadha tappartjeni lil John Cassar li kien ghadu ma thallasx il-prezz kollu miftiehem fuq ittrasfertiment tal-van u li konsegwentement kien ghad ghandu jedd fuq l-istess van. Ghaldaqstant f' dan il-kaz il-konfiska ma tkunx wahda awtomatika w konsegwenzjali ghas-sejbien ta' htija, ghax dan hu proprju l-kaz fejn il-ligi fl-artikolu 23 (1) espressament teccettwa l-applikazzjoni konsegwenzjali w awtomatika tal-konfiska."*

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma tqisx li ghandha tordna l-konfiska tal-vettura.

Inoltre' billi ma nstabitx htija fis-sitt u s-seba' imputazzjonijiet tichad it-talba ghall-applikazzjoni tal-art 109 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel, sitt, seba', tnax, tlettax u r-raba' imputazzjonijiet u ghaldaqstant tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 15A(1)(2), 15B(1), 15E(1)(4), 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 18, 31, 95, 252, 338(dd), 338(ee) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tikkundannah ghal tlett (3) xhur prigunerija li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv u inoltre' tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500).

Inoltre' a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn u dan skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tal-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre' ghar-ragunijiet fuq indikati tichad it-talba ghall-prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-vettura.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja ghal zmien tmien (8) xhur liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tallum.

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-parte leza qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali ghaf-favur tal-Ispettur PierGuido Saliba u SM888 Dunstan Camilleri taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat